MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 209/2007

**Il-Pulizija**

**v**

**Alfred Mallia**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, permezz ta’ att ta’ citazzjoni li jgib id-data tas-17 ta’ Dicembru 2003, kontra Alfred Mallia talli fix-xhur precedenti dik ic-citazzjoni naqas li jobdi ordni moghti lilu mill-Pulizija datat 1/10/2003 biex inehhi l-perikolu u jsewwi hsara f’hajt perkoluz f’St Paul Street, Attard, proprjeta` tieghu jew proprjeta amministrata minnu, u b’hekk ma obdiex ordni legittima bi ksur ta’ l-Artikolu 25 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija u l-Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali; l-ewwel qorti kienet mitluba li f’kaz ta’ kundanna, barra milli taghti l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat li jnehhi l-inkonvenjent u jezegwixxi l-ligi, u cioe` jaghmel it-tiswsijiet fi zmien sufficjenti moghti lilu taht penali ta’ mhux anqas

minn zewg liri kuljum fin-nuqqas, jew tordna li dan isir mill-Pulizija bi spejjez tal-imputat jekk dan jibqa' ma jottemperax ruhhu mal-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Mejju 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Alfred Mallia hati skond l-imputazzjoni dedotti kontra tieghu, ikkundannatu multa ta' hamsin lira (Lm50), ordnatlu – b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 377(3) tal-Kap. 9 – sabiex sa zmien xahrejn ibiddel jew jirrinforza c-cint in kwistjoni "f'dik il-parti tieghu li tinsab faccata tal-bieb ta' wara ta' l-iskola tal-Lakin", u kkundannatu wkoll – b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 – ihallas l-ispejjez peritali in konnessjoni ma' dan il-kaz;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Alfred Mallia, minnu ppresentat fit-30 ta' Mejju 2007 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' din is-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-Gimgha, 14 ta' Settembru 2007; ghamlet il-konstatazzjonijiet taghha waqt l-access mizmum dak in-nhar stess – 14 ta' Settembru 2007 – fi Triq San Pawl u Trid Ferdinand Inglott, f'H'Attard fil-presenza tal-partijiet kif ukoll tal-Arkitett u Inginier Civili u perit nominat mill-ewwel qorti Valerio Schembri; semghet l-ahhar sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet waqt l-istess access; ikkunsidrat:

**1.** Jibda biex jinghad li dan hu ezempju ta' kif m'ghandhiex titmexxa kawza. L-allegazzjoni kienet ta' bini – f'dan il-kaz hajt jew hitan – perikolanti. In-natura ta' l-akkuza kienet tfisser li *time was of the essence* u li l-prosekuzzjoni (il-Pulizija Ezekuttiva) kellha tiehu hsieb tipprosegwixxi b'impenn iffokat u mhux, bhalma jidher li gara f'dan il-kaz, thalli l-kawza tixxejjer mar-rih, specjalment quddiem il-perit nominat mill-ewwel qorti. Anke l-ewwel qorti, bid-dovut rigward lejha, ma kellhiex ghalfejn tinnomina perit biex joqghod jisma' l-provi u jirrelata bil-miktub; jekk dik il-qorti ma setghetx taghmel access, anke jekk bl-ghajnuna ta' perit arkitett u inginier civili, u tikkonstata l-hsara hi stess, kellha tinkariga lill-istess perit izomm access

wiehed fil-presenza tal-partijiet u jirrelata bil-fomm fl-udjenza ta' wara. Minflok, dak li ghamlet l-ewwel qorti kien li nnominat lill-AIC Valerio Schembri (b'digriet tas-16 ta' Gunju 2004 – mela ga sitt xhur wara li harget ic-citazzjoni b'imputazzjoni li timplika li kien hemm xi perikolu ghan-nies) u taghtu "s-soliti fakultajiet inkluz li jisma' x-xhieda bil-gurament" – formula miftuha li tiggarantixxi li l-perizja tmur fil-bir tas-skieken. In fatti din il-perizja damet ghaddejja mis-16 ta' Gunju 2004 sal-5 ta' Ottubru 2006, meta nzammet l-ahhar seduta quddiem il-perit. Dan, imbaghad, ippresenta u halef ir-relazzjoni tieghu fl-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2006 – ftit anqas minn erba' snin wara l-hrug tac-citazzjoni. Intant, kif setghet tikkonstata din il-Qorti fl-access mizmum nhar il-Gimgha 14 ta' Settembru, il-hitan perikolanti fil-parti l-kbira taghhom in parti waqghu b'rizultat tal-maltemp – fortunatament hadd ma wegga' – u in parti gew demoliti peress li fejn kienu huma llum tiela bini gdid.

**2.** L-appellant ghandu diversi aggravji li ser jigu trattati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu fis-sens li s-sentenza hija nulla peress illi l-provi kollha gew mismugha mill-perit tekniku u mhux mill-Magistrat. Issa, apparti li l-imputat quddiem l-ewwel qorti ma rregistra ebda oggezzjoni ghan-nomina tal-perit jew ghas-smigh tal-provi quddiem l-istess perit, hawn si tratta ta' kwistjoni purament teknika, u cioe` jekk kienx hemm kostruzzjoni perikolanti jew le[1]. Ix-xhud principali f'dan ir-rigward kien il-perit nominat mill-qorti, li effettivament xehed fl-24 ta' Ottubru 2006. Ma jirrizulta li giet registrata ebda talba biex dawk ix-xhieda li xehdu quddiem l-imsemmi perit jergghu jixhdu quddiem l-ewwel qorti minhabba li kien hemm xi kwistjoni ta' kredibbilita` involuta. Ghalhekk dana l-aggravju huwa inforndat, u jirrazenta l-fieragh.

**3.** It-tieni aggravju huwa li r-rapprezentanti tal-Kunsill Lokali ta' H'Attard – jidher li kien dan il-Kunsill li f'xi zmien caqlaq lill-Pulizija biex johorgu c-citazzjoni – ma kienux jafu huma stess liema kien il-hajt jew hitan perikolanti.

[1] Kif gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-25 ta' Settembru 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Thomas Agius**, il-kuncett ta' perikolu ravvizat fl-Artikolu 25 in dizamina ma hux suxxettibli ghal gradazzjoni: jew hemm perikolu jew ma hemmx.

Dan, pero`, ma jgibx bhala konsegwenza, kif donnu qed jippretendi l-appellant, li allura l-ordni tal-Pulizija moghti bil-miktub fl-1 ta’ Ottubru 2003 ma kienx ordni legittimu. Kif setghet tikkonstata din il-Qorti fl-acces ta’ nhar il-Gimgha, hawn si tratta ta’ fond li jigi bejn zewg toroq fis-sens li dak li kien il-bieb tal-fond ezistenti fl-2003 jigi bhal speci f’nofs Triq San Pawl: jekk, inti u thares lejn dan il-bieb, tghaddi mit-triq li tigi fuq il-lemin tal-bieb, tkun allura qed tghaddi minn Triq San Pawl, mentri jekk tghaddi mit-triq li tigi fuq ix-xellug tal-bieb, tkun qed tghaddi minn Triq Ferdinand Inglott. Il-bieb – illum maghluq peress li mill-bini kollu l-antik li kien hemm baqa’ biss il-faccata u ftit piedi fond b’hitan ta’ barra li jigu hajt minnhom fi Triq San Pawl u hajt iehor fi Triq Ferdinand Inglott – kellu u ghad ghandu n-numru 18, Triq San Pawl. Fi kliem iehor, il-fond kien originarjament – u s-sit, bil-bini gdid fuqu, effettivament hekk ghadu – f’bivju, u kellu l-hajt estern tieghu li jibda minn Triq San Pawl, jibqa’ jdur mal-fond, u jispicca f’dik li, ghall-anqas illum, hi Triq Ferdinand Inglott. Ghalhekk il-hajt kien originarjament jibda fi Triq San Pawl u <u>l-istess hajt kien jispicca fi triq Ferdinand Inglott</u>. Dan, pero`, kien <u>hajt wiehed</u> fil-parti l-kbira tieghu ta’ gnien retropost ghall-fond imsemmi numru 18. Ghalkemm l-ordni tal-Pulizija Ezekuttiva kienet issemmi biss Triq San Pawl, huwa evidenti li kienet qed tirreferi <u>ghall-hajt kollu kemm hu</u>; u jekk kien hemm, kif irrizulta li kien hemm, perikolu f’partijiet sostanzjali ta’ dan il-hajt, kien immaterjali li dan kien effettivament jibda fi triq u jispicca f’ohra – l-ordni tal-Pulizija ma setax ma jkunx car hlief ghal min ried ifettaq bla bzonn, b’mod ghalhekk li kull fejn kien hemm perikolu f’dak il-hajt, dan il-perikolu kellu jitnehha.

**4.** L-appellant, fit-tielet lok, jillanja li huwa kellu rapport mill-AIC minnu imqabbad, cioe` mill-perit David Psaila, li dan il-hajt ma kienx perikolanti. Dan il-perit, pero`, qatt ma ngieb jixhed biex jikkonferma r-rapport tieghu ezibit a fol. 2 tal-atti, u ghalhekk dan ir-rapport ma hux prova tal-kontenut tieghu. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti, bhal-ewwel qorti, hi tal-fehma li ghandha tistrieh fuq il-konkluzzjonijiet tal-perit minnha mqabbad u mhux fuq l-opinjoni ta’ perit *ex parte*, liema opinjoni *ex parte* ma hix, bhala regola, permessa fil-kamp penali.

**5.** Aggravju iehor ta' l-appellant hu li huwa m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez peritali stante li kien hemm diversi seduti li ma sarux minhabba l-fatt li prosekuzzjoni ma ressqitx il-provi taghha. Hawnhekk l-appellant ghandu ragun in parti biss. Kif diga` nghad, l-ewwel qorti qatt ma messha qabbdet perit biex joqghod izomm seduti hu, u dan stante l-urgenza insita fl-imputazzjoni. Mill-banda l-ohra, l-appellant, allura imputat, kif rajna ma rregistrax oggezzjoni ghal din in-nomina u, per di piu`, f'diversi seduti quddiem l-imsemmi perit hu stess ma deherx jew ma deherx l-avukat tieghu b'mod li fi kwalunkwe kaz ma seta' jsir xejn – ara, per ezempju s-seduti tas-16 ta' Novembru 2004, 11 ta' Jannar 2005, 19 ta' Mejju 2005, 16 ta' Gunju 2005, 12 ta' Lulju 2005, 25 ta' Ottubru 2005, 8 ta' Novembru 2005, 24 ta' Novembru 2005, 10 ta' Jannar 2006. Kien biss fis-seduta tas-7 ta' Frar 2006 li, meta issa fl-ahhar deher l-avukat tal-imputat, gie registrat verbal ta' oggezzjoni ghal dak li ssejjah "nuqqas ta' interess kontinwu tal-kwerelant" (fol. 67). Din il-Qorti, ghalhekk, ser tezercita d-diskrezzjoni taghha, moghtija bl-Artikolu 533 tal-Kap. 9, ghal dawk li huma l-ispejjez peritali.

**6.** L-appellant jimenta wkoll – dan hu l-hames aggravju – li l-fond ma hux tieghu izda ta' ibnu. Dan l-aggravju hu infondat. L-azzjoni skond l-Artikolu 25 tal-Kap. 10 tista' titmexxa kontra kull min jista' jipprovdi rimedju effettiv sabiex jitnehha tempestivament il-perikolu, irrispettivament min jekk huwa jkunx is-sid, l-inkwilin, l-amministratur tal-fond jew post in kwitjoni, jew semplicement ikollux element ta' kontroll fuq l-imsemmi fond jew post (ara **Il-Pulizija v. John Vella** App. Krim. 25/6/2001 u s-sentenzi citati f'dik is-sentenza). Issa, quddiem il-perit tekniku, l-appellant xehed testwalment hekk fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2006: *"Jien ghandi post H'Attard. Nghid li l-Perit qalli li ma hemmx xejn perikoluz. Fejn il-knisja kien hemm cint perikoluz u tal-Kunsill nehhewh. Muri Dok ATD 01 sa ATD 06 nghid li dak huwa l-hajt tieghi."* Id-dokumenti imsemmija huma ritratti li juru il-hajt li, kif spjegat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, kien jiccirkonda dak li qabel kien il-gnien tal-fond in kwistjoni, hajt li fih il-perit nominat mill-qorti rriskontra perikolu.

Ghalhekk l-appellant stess iddikjara forma ta’ kontroll fuq il-hajt in kwistjoni, u ma jistax issa jezimi ruhhu mir-responsabbilta` skond il-ligi semplicement billi jghid li ma hux il-proprjetarju mill-aspett purament civili.

**7.** Is-sitt aggravju ta’ l-appellant hu li llum il-bini perikolanti twaqqa’. Dan hu minnu; biss fl-access mizmum nhar il-Gimgha li ghaddiet il-Qorti setghet tikkonstata li fil-hitan immedjatament fuq ix-xellug u fuq il-lemin tal-faccata (u li jigu fi Triq San Pawl u fi Triq Ferdinand Inglott rispettivament) bejn fejn hemm il-parti l-antika tal-fond tmiss mal-bini gdid li tiela, il-hajt l-antik qieghed xorta jitfarrak (specjamlent in-naha ta’ fuq) b’mod li ghandu jkun hemm xi forma ta’ lqugh jew irpar proprju biex jigi evitat li xi bcejjec ta’ gebel mill-hajt l-antik jaqghu fuq min ikun ghaddej fit-triq. Ghalhekk ser ikun hemm il-modifika mehtiega fis-sentenza appellata.

**8.** Fl-ahhar nett jigi rilevat li bejn ir-reat kontemplat fl-Artikolu 25 tal-Kap. 10 u dak kontemplat fl-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 hemm f’dan il-kaz konkors formali jew ideali ta’ reati, b’mod ghalhekk li ghandu japplika biss ir-reat l-aktar gravi. In vista tal-fatt li skond l-Artikolu 319(1) tal-Kap. 10 tista’ tigi applikata mhux biss ammenda izda wkoll multa ghall-kontravvenzjonijiet indikati fl-imsemmija disposizzjoni, ir-reat l-“aktar gravi” f’dan il-kaz huwa dak kontemplat fl-Artikolu 25 tal-Kap. 10.

**9.** Ghall-motivi premessi tiddisponi mill-appell interpost billi:

**i.** tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant Alfred Mallia hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kif ukoll fejn ikkundannatu multa ta’ hamsin lira (Lm50), b’dan pero` li qed jigi precizat li l-ksur ta’ l-Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali huwa assorbit fil-ksur tal-Artikolu 25 tal-Kap. 10;

**ii.** thassar is-sentenza appellata fil-bqija, u cioe` fejn ordnat lill-appellant “ibiddel jew jirrinforza c-cint in kwistjoni f’dik il-parti tieghu li tinsab faccata tal-bieb ta’ wara ta’ l-iskola tal-Lakin”, kif ukoll fejn ikkundannatu jhallas l-ispejjez peritali kollha in konnessjoni ma’ dan il-

kaz, u minflok, wara li rat l-Artikoli 25, 318, 319(1) u 321 tal-Kap. 10, tordna lill-appellant sabiex, fi zmien hmistax-il gurnata mil-lum huwa jaghmel, permezz ta' *netting* adegwat, lqugh jew irpar mal-bicciet tal-hajt l-antik, illum distakkat mill-bini gdid li tiela', li jigu fuq il-lemin u fuq ix-xellug tal-bieb numru 18 (gja` numru 20) Triq San Pawl, Attard, u dan ghandu jsir taht id-direzzjoni u s-supervizjoni tal-imsemmi AIC Valerio Schembri, li ghandu jinforma permezz ta' nota lil din il-Qorti kif appena dan ikun sar, u jekk il-hati jonqos li jezegwixxi dan l-ordni fiz-zmien hekk lilu moghti huwa jehel piena ta' ammenda ta' zewg liri ghal kull gurnata li l-kontravvenzjoni tkompli wara l-gheluq taz-zmien hawn fuq imsemmi; u, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tikkundanna lill-appellant ihallas biss nofs l-ispejjez peritali – inkluzi dawk konnessi ma' ordni ghall-ilqugh jew irpar li qed jinghata llum – u nofs l-iehor jibqghu a karigu ta' l-Istat.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih notifikata mir-Registratur lill-AIC Valerio Schembri u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------